# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru 2022**

**Talba Nru: 53/22 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Emanuel sive Noel Camilleri [K.I. 417660M]**

**Vs**

**Liam Spiteri [K.I. 491993M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-18 ta' Frar 2022, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn u tmin mitt Ewro (€2,800.00ċ), jew somma verjuri, għar-raġunijiet aħjar imfissra fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax[1].

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-22 t'April 2022[2];

Ra li l-konvenut qatt ma reġa deher u qatt ma ppreżenta risposta formali f'dawn il-proċeduri;

Sema x-xhieda tal-attur u tal-avukat Alessandro Lia[3];

Ra d-dokument ippreżentat mill-attur[4];

Ra d-dokumenti ulterjuri ppreżentati mill-attur[5];

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2022 fejn dawn il-proċeduri tħallew għas-sentenza li qiegħda tingħata llum[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* hawn fuq indikat, jemerġi ċar li għalkemm il-konvenut kien deher fl-ewwel seduta huwa qatt ma pparteċipa b'mod formali f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta lill-konvenut la ressaq risposta u lanqas baqa' jidher f'din il-kawża, b'hekk kien karenti u passiv[7]. Għal dan it-Tribunal huwa bil-wisq ovvju

---

[2] A fol 9 tal-proċess.
[3] It-tnejn magħmula fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022.
[4] Skrittura tinsab eżebita a fol 18 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 20 tal-proċess.
[6] Verbal relattiv jinsab a fol 25 tal-proċess.
[7] F'dan is-sens issir referenza għal dak awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Borg *pro et noe* vs John Curmi et,** (App Ċiv Nru: 1111/2001/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Jannar 2003.

li l-konvenut abdika mir-responsabbilitá tiegħu u ma baqax isegwi dawn il-proċeduri[8]. Dan il-fatt ma jista qatt ikun t'għajnuna għalih[9].

Illi l-iskrittura mertu ta' dawn il-proċeduri hija ċara[10] u tikkostitwixxi liġi bejn il-kontendenti[11]. Huwa ċar mix-xhieda tal-attur lill-konvenut naqas milli jwettaq il-pagamenti dovuti hekk kif ikkuntrattat.

Illi l-attur pprova wkoll b'mod sodisfaċenti l-ammont l-oħra minnu reklamati rigwardanti l-ispejjeż ġudizzjarji[12]. B'hekk dawn ukoll għandhom jitħallsu lilu.

---

[8] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Cauchi *et* vs Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 965/2010) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2015 fejn ingħad li *"huwa palezi li l-partijiet f'kawza ghandhom l-obbligu li jsegwu l-kawza b'mod diligenti u li jattendu ghall-udjenza fid-data u fil-hin indikat fl-udjenza precedenti sabiex jinformaw ruhhom dwar dak li jkun qed isir fl-udjenza u dak li jkun qed jigri fil-kawza."* Preċedentement, f'digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Mary Zammit vs Paul Camilleri Paul *pro et noe*,** (Ċit Nru: 1268/2007) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bi provvediment tas-16 ta' Marzu 2012 kienet fakkret hekk: *"parti ghandha l-oneru li kull tant zmien tivverifika mill-atti x'ordnijiet ikunu qeghdin jinghataw mill-qorti in camera b'riferenza ghall-kawza."* Iż-żewġ ċitazzjonijiet ġew ukoll abbraċċjati b'mod kostanti minn dan it-Tribunal diversament presedut f'numru ta' deċiżjonijiet tiegħu. F'dan is-sens isir referenza, fost diversi, għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Grech vs Joseph Spiteri,** (Tlb Nru: 163/2017 KCX) mogħtija nhar il-5 ta' Novembru 2020. Dan it-Tribunal jabbraċċja wkoll din il-linja ta' ħsieb.

[9] F'dan is-sens issir riljev għal dak li ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Borg *pro et noe* vs John Curmi *et*,** (App Ċiv Nru:1111/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Jannar 2001. Għal-kompletezza, issir referenza wkoll għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Borg vs L-Awtorita tal-Ippjanar,** (App Nru: 27/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) nhar it-28 ta' Frar 2018.

[10] Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[11] Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għar-regola li temerġi mill-artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan irid jinqara mbagħad fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 993 tal-istess Kapitolu. In vena ġurisprudenzjali mbagħad, dan it-Tribunal jissenjala dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Grace Spiteri *et* vs Carmel *sive* Lino Camilleri *et*,** (Ċit Nru: 3535/96) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) nhar it-30 ta' Mejju 2002 u, sa fejn hekk applikabbli, dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan *pro et noe*,** (App Ċiv Nru: 148/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-8 ta' Jannar 2010.

[12] Dawn kienu dovuti mill-konvenut skond il-kuntratt relattiv u prova tal-ammont kollu mitlub jinsabu debitament eżebiti fil-proċess relattiv.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta, inkluż it-talba għall-imgħax kif mitluba.

Illi l-ammont dovut huwa globalment ta' elfejn, sitt mija u tlieta u sebgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2,673.84)[13].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut jħallas lil-attur s-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u sebgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2,673.84ċ) bl-imgħax legali mill-4 ta' Novembru 2021[14] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[13] Dan huma l-ammont ta' €2,100 skond l-iskrittura u t-total tal-ispejjeż ġudizzjarji pruvati bid-dokumenti annessi bejn fol 21 u u24 tal-proċess.
[14] Data tal-iskrittura, hekk kif miftiehem.